**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 10 ta' Marzu, 2025

**Il- Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**-vs-**

**Bernard Pisani, detentur tal-karta ta l-identità numru 302577(M):**

*Kumpilazzjoni Nru. 655/2018*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Bernard Pisani** u ċioè talli:

**Nhar l-14 ta Ottubru 2018 ghal-ħabta tat-08:00 ta filgħaxija, fi Triq ix-Xatt, tas-Sliema:**

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-hajja ta' hadd ieħor f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravissima fuq il-persuna ta' Noel Attard b'arma irregolari skond kif iċċertifikat Dr Francesca Camilleri numru ta reġistrazzjoni 4249 ta l-isptar Mater Dei;

2. Fl istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied;

**Ukoll talli matul il-jum ta l-14 ta Ottubru 2018 f'dawn il-Gżejjer:**

3. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat u / jew għamel użu iehor mhux xieraq bih fil-konfront ta Noel Attard u Mary Louise Attard u/jew persuni oħra;

4. Ukoll talli għamel inġurji jew theddid lil Noel Attard u Mary Louise Attard u/jew persuni oħra mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta Noel Attard u Mary Louise Attard billi jiġu applikati l-provedimenti ta l-artikolu 412C tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jigi konfiskat favur il-Gvern ta Malta ai termini ta l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-lum miżmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 370(6) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li huwa ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u hu ngħata zmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat,

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fid-19 ta' Frar, 2024.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkużat bihom l-imputat, tal-ammissjoni tiegħu li għalkemm ma ġietx reġistrata fi stadju aktar bikri - tenut kont tar-rinunzja tal-partijiet leżi xorta - qed għanda jkollha piz fid-deċizjoni ta' din il-Qorti in kantu għall-piena erogabbli, tal-fatt li kien hemm rinunzja għall-azzjoni kriminali kemm minn Mary Louise Attard li hi omm bint l-imputat kif ukoll minn Noel Attard li hu ż-żiju ta' bint l-imputat w ħu Mary Louise.

Ittiehed kont tas-Social Enquiry Report kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha l-oħra tal-każ u senjatament li dan il-każ jirrisali għall-2018. Dan ir-rapport jagħmel emfasi fuq ir-realzzjoni tajba li l-imputat illum ghandu mal-vittmi.

Il-Qorti għalhekk hija disposta tagħti opportunita` unika w aħħarija lill-imputat, sabiex bil-fatti issa w bit-trattament li ser jiġi ordnat jieħu, l-imputat jbiddel l-atteġġjament tiegħu. Sabiex dan jista' jsehh, fiċ-ċirkostanzi il-Qorti jidrilha li piena karċerarja ma tkunx waħda idoneja.

Wara dawn il-konsidearzzjonijiet, wara li rat li l-imputat ma jikkostitwix periklu għas-socjeta, il-Qorti qieset li jekk ser tinfliġġi piena ta' sentenza sospiża, anke jekk fil-massimu tagħha, kemm il-darba l-imputat iwettaq reat ieħor fit-terminu operattiv ta' din is-sentenza, il-massimu erogabbli jibqa' dak ta' sentejn priġunerija, a differenza tal-piena erogabbli f'każ li l-Qorti tiġi biex tittratta miegħu ai termini tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk il-Qorti tqis li jeżistu ċirkostanzi li jimmeritaw li l-imputat jitqiegħed taħt ordni ta' probation.

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti, tqis li dawn il-kuniderazzjonijiet jimmeritaw l-aplikazjoni tal-ewwel proviso għall-artikolu 7(2) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-istess ordni u l-ksur potenzjali tiegħu għandhom iservu ta' deterrent qawwi filwaqt li l-interess tas-soċjetà jiġi servut aħjar jekk l-imputat jigi mgħejjun jipprova jirrijabilita ruħu taħt il-lenti kostanti tal-awtoritajiet rilevanti.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 218, 338(dd), 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 49(a)u 49(ċ) tal-Att biex Jirregola L-kommunikazzjonijiet Elettronii, Kapiolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoġġih taħt ordni ta' probation ghal **tlett (3) snin millum.**

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu fil-perjodu ta' superviżjoni.

Inoltre tenut kont li fil-każ in deżamina l-esperti maħtura ilkoll kellhom utilità ai fini ta' dan il-proċess ġudizzjarju, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputat iħallas **€2,127.80c** rappreżentanti spejjez peritali.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna psikoloġika meħtieġa kif ukoll għal *anger management.*

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

Sabiex tiġi protetta l-identità tal-vittmi, tordna li din is-sentenza ma titqiegħed fuq il-website tal-*online judgements* u lanqas ma għandhom jiġu pubblikati fuq il-media l-ismijiet tal-istess vittmi u tal-imputat.

Finalment a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

Notifika: Direttur, Registru Qrati u Tribunali Kriminali